## 15 ta' Lulju, 1946

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Il-Pulizija** *versus* **Giuseppe Axiak**

### Triq — Passaġġ — Sqaq — Art. 2 u 19 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija.

*Ħadd ma jista', mingħajr liċenza tal-Pulizija, jibni fi djar jew f'bini ieħor, ebda ħaġa li tisporġi fuq it-triq.*

*Il-kelma "triq" tfisser triq, ħara, sqaq, pjazza, fortifikazzjoni, jew lok ieħor ta' passaġġ publiku.*

*Meta l-privat jikkontribwixxi l-art għall-formazzjoni ta' triq, intiża l-kelma fis-sens ampju ta' passaġġ publiku, u jkun assoġġetta t-triq hekk formata għal passaġġ publiku, avvolja huwa jikkonserva l-proprjetà ta' l-art, dik l-art tiġi assoġġettata għall-osservanza tal-Liġijiet tal-Pulizija. Għax f'din il-materja ma hix il-proprjetà tat-triq li hija importanti, imma ċ-ċirkustanza jekk it-triq tkunx post ta' transitu publiku.*

*Għalhekk, min iwaħħal fil-proprjetà tiegħu bieb li jinfetaħ għal barra fi sqaq mingħajr liċenza tal-Pulizija, jikser id-dispożizzjoni relativa tal-Liġijiet tal-Pulizija, avvolja dak l-isqaq huwa format "ex agris privatorum", jekk jirriżulta li dak l-isqaq huwa miftuħ għall-passaġġ publiku.*

Dan hu appell ta' l-imputat;

B'sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta tal-31 ta' Mejju 1946, Axiak ġie misjub ħati talli, f'Ħal Kirkop, waħħal bieb li jinfetaħ għal barra fl-isqaq magħruf bħala "Ta' Kalanġ" fit-Triq Valletta, mingħajr liċenza tal-Pulizija, u ġie kundannat għall-piena ta' ammonizzjoni u riprensjoni u mogħti ż-żmien ta' għoxrin ġurnata biex jikkonforma ruħu mal-liġi taħt penali ta' 2s. 6d. kuljum jekk jonqos;

Trattat l-appell, din il-Qorti rriflettiet;

Illi skond l-art. 19 Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 13, ħadd ma jista', mingħajr liċenza tal-Pulizija, jibni, fi djar jew f'bini ieħor, ebda ħaġa li tisporġi fuq it-triq. Bil-kelma "*triq*" wieħed għandu jifhem dak li tfisser l-istess liġi fl-artikolu nterpretativ ta' l-istess Kodiċi, li fih jingħad (art. 2) illi l-kelma "triq" tfisser triq, u tfisser ukoll ħara, sqaq, pjazza, fortifikazzjoni, jew lok ieħor ta' passaġġ publiku. Il-kliem ta' l-aħħar, in forza ta' l-"ejusdem generis rule", juru illi hemm bżonn dejjem li jkun post ta' transitu publiku. Issa l-kuntrast tad-difiża hu appuntu bażat fuq li, kif isostni l-appellant, l-isqaq hu ta' proprjetà privata tiegħu;

Illi ċ-ċirkustanza, però, li l-art ta' l-isqaq hi (għal grazzja ta' argument) tal-privat, ma hix deċiżiva, għaliex jista' jagħti l-każ illi l-privat ikun ikkontribwixxa l-art għall-formazzjoni ta' triq (intiża fis-sens ampju ta' lok ta' passaġġ publiku), u jkun assoġġetta t-triq, hekk furmata "ex agris privatorum", għas-servitù ta' passaġġ publiku, fil-waqt li jikkonserva l-proprjetà tagħha; u kien f'dan is-sens illi, kuntrarjament għal dak li qal l-appellant fir-rikors ta' l-appell, il-Maġistrat deċident fl-ewwel istanza ċċita sewwa s-sentenza "La Polizia vs. Michele Borg", 19 ta' April 1909, ta' din il-Qorti, in kwantu li fiha ġie ritenut illi, għall-finijiet ta' l-osservanza tal-Liġijiet tal-Pulizija dwar triqat, mhux il-proprjetà tat-triq hija importanti, imma ċ-ċirkustanza jekk it-triq tkunx post ta' transitu publiku. Infatti, malli t-triq (intiża fis-sens am-

pju fuq imsemmi) tiġi użata bħala post ta' mogħdija publika. allura tibqa' assoġġettata għat-tħaris tal-liġijiet tal-Pulizija; għaliex, kieku dawn kellhom jiġu vjolati, allura, non ostanti li l-proprjetà tkun tal-privat, jitnisslu dawk l-istess inkonvenjenti, ostruzzjoni, jew perikoli għat-transitanti, li l-liġi riedet tevita. Għalhekk l-Imħallef Dr. Camilleri, fil-kawża "La Polizia vs. Desira", 12 ta' Jannar 1924, App. Krim., kien qal:— "Le legge considera che il privato, contribuendo il proprio suolo alla formazione di una strada che egli apre al publico, voglia assoggettarla alla servitù di transito pubblico, e conservandone la proprietà, ne ritiene gli oneri";

Illi minn dan jiġi illi dak li hu importanti li wieħed jara f'dan il-każ hu, jekk l-isqaq, anki jekk hu format "ex agris privatorum", hux jew le miftuħ għall-publiku;

Irrifiettiet:

Illi mix-xhieda tal-Foreman tad-distrett, Michele Ellul, jirriżulta illi, almenu f'dawn l-aħħar sebgħa snin, in-nies in ġenerali jgħaddu minn dan l-isqaq, u mhux biss il-gabillotti tar-raba' ta' ġewwa. L-istess imputat fix-xhieda tiegħu........ u b'hekk hu ammetta, almenu impliċitament, li kien hemm mogħdija publika;

Illi l-imputat, kif ukoll id-difensur tiegħu, qalu illi n-nies in ġenerali bdew jgħaddu minn mindu r-raba' ta' ġewwa ġie meħud biex jiġi kostruwit l-aerodrome. Din iċ-ċirkustanza ma tbiddelx il-pożizzjoni ġuridika, għaliex jibqa' dejjem illi, fil-preżent, l-isqaq hu lok ta' passaġġ publiku. Veru hu wkoll illi dan l-isqaq hu koltivabili, tant li hemm saħansitra ġiebja u żkuk ta' siġar, kif ukoll hu veru li l-konformazzjoni ta' l-apertura tal-bieb, fil-ġebel u fiċ-ċaċċiż, hi tali li turi illi, qabel, il-bieb kien ukoll jinfetaħ għal barra; imma anki hawn jibqa' dejjem illi fil-preżent, mill-provi li għandha quddiemha l-Qorti, jirriżulta illi mill-isqaq jgħaddi l-publiku. Dan ma hux il-każ li għadda xi wieħed abużivament u ġie milqugħ mill-imputat, imma hu stess ammetta li minn sena u nofs 'il hawn il-publiku qiegħed jgħaddi, u hu stess irrikonoxxa dana l-fatt billi l-ewwel għamel l-egħluq bil-ġebel fl-ingress ta' l-isqaq, u mbagħad qabad u neħħa kollox. Kif qal l-istess Imħallef Dr. Camilleri fil-proċess fuq ċitat, f'kawża ta' tħaris tal-Liġijiet tal-Pulizija u ta' miżuri fl-interess tal-komunità, li ma

jammettix temporeġġjamenti, "si deve avere principalmente riguardo allo stato di fatto della strada al tempo dell'alterazione". Fil-każ in ispeċje, meta sar dan il-bieb, jiftaħ fuq barra, l-istat ta' fatt ta' l-isqaq kien li jgħaddi minnu l-pubbliku;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. It-terminu jibda jgħaddi millum.